iv. Tinnomina kuraturi sabiex jidhru u jirrappreżentaw lil Susan Webb u Annie Webb għall-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment fil-ħin, jum u post hekk stabbilit fit-tieni talba, inkluż dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa, inkluż kwalunkwe dikjarazzjonijiet causa mortis meħtieġa;

v. Tordna u tawtorizza lin-Nutar Dott. Desirei Grech jew lill-kuraturi deputati appuntati sabiex jiddepożitaw is-somma rappreżentanti s-sehem proprjetà ta' Susan Webb u Annie Webb taħt l-awtorità tal-Onorabbli Qorti u dan wara li mis-sehem tal-istess intimati mhux magħrufa titħallas id-debita taxxa dovuta, spejjeż notarili inkluż dawk relatati għal kull u/jew kwalunkwe dikjarazzjoni causa mortis, reġistrazzjonijiet u l-ispejjeż relattivi għad-drittijiet u l-ispejjeż tal-Kuraturi Deputati appuntati;

vi. Taħtar kuraturi deputati f'każ li xi ħadd mill-kontendenti jonqos milli jidher quddiem l-imsemmi nutar għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ hekk awtorizzat u/jew għal kwalunkwe dikjarazzjonijiet meħtieġa;

vii. Tagħti kull provvediment oħra li jkun jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li jibqgħu inġunti minn issa għas-subbizzjoni.

Rikorrenti: 72, Triq Sant'Andrija, Ħal Lija

Intimati: Kuraturi deputati, il-Qorti

i. Authorise the sale of the property with number 85 in Triq il-Qrempuċ, Marsaskala, including the front garden and the backyard as well as including the garage situated at the semi basement level, which garage is unnumbered and accessible from the same Triq il-Qrempuċ, as better described in the contract in the records of Notary Doctor Timothy Ellis dated 3rd May, 2007, at all the price, terms and other conditions stipulated in the above mentioned preliminary agreement dated 28th December, 2021, as extended by the extension dated 10th November, 2025, and amended by the amendment dated 18th November, 2025, in favour of Melvin Polidano and/or third parties who acquired in part and/or in toto the rights of the said preliminary agreement from the said Melvin Polidano.

ii. Determine the time, day and place when and where the transfer is to take place;

iii. appoint Notary Dr Desirei Grech to publish the relative deed of sale and do everything necessary for the publication of the contract, including applying for authorisations and publishing all necessary declarations, including any necessary causa mortis declarations;

iv. appoint curators to appear and represent Susan Webb and Annie Webb for the publication of the deed of transfer at the time, day and place so established in the second demand, including all necessary declarations, including any necessary declarations causa mortis;

v. order and authorise Notary Dr Desirei Grech or deputy curators appointed to deposit the sum representing the property of Susan Webb and Annie Webb under the authority of the Honourable Court and this after the due tax is paid from the share of the same unknown respondents, notarial expenses including those related to every and/or any declaration causa mortis, registrations and costs relative to the fees and expenses of the appointed Deputy Curators;

vi. appoint deputy curators in case any of the parties fails to appear before the said notary for the publication of the contract of sale so authorised and/or for any necessary declarations;

vii. gives any other provision it deems fit and opportune.

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Applicant: 72, Triq Sant'Andrija, Ħal Lija

Notification: Deputy curators, Law Courts

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 31 ta' Diċembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 31st December, 2025

Registry of the Superior Courts, today 20th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

533

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-8 ta' Awwissu, 2024 fuq talba ta' Saviour Aquilina et ġie ordnat biex taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lid-direttarju jew direttarji mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 1682/2024 fl-ismijiet Saviour Aquilina et vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' fidi ta' ċens numru 1682/2024 fl-ismijiet Saviour Aquilina, Direttur, iben Tarcisio u Rita née Falzon, imwieled Tal-Pietà u residenti ż-Żejtun, (229184M) u martu Carmen Aquilina, bint Emanuel Zahra u Catherine née Zammit, imwielda Tal-Pietà u residenti ż-Żejtun, (127887M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sid, sidien, werriet, werrieta mhux magħrufa jew min minnhom ippreżentat fis-7 ta' Awwissu, 2024, fejn Saviour Aquilina (229184M) u Carmen Aquilina (127887M) jesponu bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt tat-tlieta ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (3/8/2010) fl-atti tan-Nutar Dott. Jonathan Zammit 'Dok. A', huma xtraw u akkwistaw mingħand Lay

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 8th August, 2024, following a request of Saviour Aquilina et it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown direct owner or owners, in the acts of the schedule of deposit number 1682/2024 in the names Saviour Aquilina et vs Deputy Curators in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of redemption of groundrent number 1682/2024 in the names Saviour Aquilina, Director, son of Tarcisio and Rita née 'Falzon, born in Tal-Pietà and residing in Żejtun, (229184M) and his wife Carmen Aquilina, daughter of Emanuel Zahra and Catherine née Zammit, born in Tal-Pietà and residing in Żejtun, (127887M) vs Deputy Curators to represent the owner, owners, heir, unknown heir or either of whom filed on the 7th August, 2024, whereby Saviour Aquilina (229184M) and Carmen Aquilina (127887M) respectfully submitted:

That by means of a contract of the third August of the year two thousand and ten (3/8/2010) in the records of Notary Doctor Jonathan Zammit 'Doc. A', they bought and

Lay Company Limited '… il-maisonette fi stat ta' ġebel u saqaf, mingħajr numru uffiċjali u bla isem, iżda internament markat bin-numru tlieta (3), jinsab fl-'elevated ground-floor level', b'aċċess indipendenti għalih minn entratura proprja tiegħu bla numru fi Triq Santa Katarina, fiż-Żejtun, liema maisonette jifforma parti minn kumpless akbar ta' bini proprjetà tal-kumpanija venditriċi … kif suġġett għar-rata tiegħu ta' żewġ ċenteżmi tal-ewro (€0.02) ċens annwu u perpetwu, parti minn ċens annwu u perpetwu akbar ta' tmienja u tmenin ċenteżmu tal-ewro (€0.88) li jaggrava s-sit kollu li fuqu jinsab mibni l-imsemmi kumpless bini fl-intier, Altrimenti liberu u frank …';

Illi llum l-imsemmi maisonette għandu l-isem 'Ottobrina';

Illi daparti tagħha, il-kumpanija Lay Lay Company Limited kienet akkwistat is-sit li fuqu inbena l-kumpless li minnu jifforma parti l-imsemmi maisonette, in parti mingħand ta' Alfons Grech permezz ta' kuntratt tal-ħamsa u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed (25/9/2001) fl-atti tan-Nutar Dott. Bartolomeo Micallef 'Dok. B', in parti mingħand Salvu Grech permezz ta' kuntratt tas-sebgħa u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed (27/9/2001) fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Mangion 'Dok. C', in parti mingħand Josephine Vella u oħrajn permezz ta' kuntratt tal-erbatax ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (14/2/2002) fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Mangion 'Dok. D', u in parti mingħand Anthony Grech u Catherine Bugeja permezz ta' kuntratt tat-tmintax ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (18/2/2002) fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Mangion 'Dok. E';

Illi l-esponenti konjugi Aquilina jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta) u jifdu dan iċ-ċens;

Illi s-somma ta' żewġ ċenteżmi tal-ewro (€0.02) kapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal erbgħin ċenteżmu tal-ewro (€0.40);

Illi għal kull bon fini, l-esponenti qegħdin ukoll permezz tal-preżenti ċedola jiddepożitaw is-somma għaxar ċenteżmi tal-ewro (€0.10), rappreżentanti din is-somma l-arretrati tal-ħlas għall-aħħar ħames snin ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu;

Għaldaqstant, l-esponenti qed jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qedgħin jiddepożitaw is-somma ta' ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€0.50), rappreżentanti kwantu għal erbgħin ċenteżmu tal-ewro (€0.40) bħala fidwa taċ-ċens, u kwantu għas-somma ta' għaxar ċenteżmi ta' ewro (€0.10) rappreżentanti l-arretrati tal-ħlas ta' dan iċ-ċens għall-aħħar ħames snin, liema somma tista' tiġi liberament żbankata mill-istess intimati prevja r-rilaxx tad-debita riċevuta.

acquired from Lay Lay company Limited '…the maisonette in a state of stone and ceiling, without official number and without name, but internally marked with number three (3), it is situated at the elevated ground-floor level, with independent access to it from its own unnumbered entrance in Triq Santa Kataerina, Żejtun, which maisonette forms part of a larger building complex owned by the vendor company … as subject to its rate of two euro cents (€0.02) annual and perpetual ground rent, part of a larger annual and perpetual ground rent of eighty eight euro cents (€0.88) which aggravates the whole site on which the said complex is built as a whole, otherwise free and unencumbered…';

That today the said maisonette has the name 'Ottobrina';

That on its part, the company Lay Lay Company Limited had acquired the site on which the complex of which the said maisonette forms part, in part from Alfons Grech by means of a contract of the twenty fifth September of the year two thousand and one (25/9/2001) in the records of Notary Doctor Bartolomeo Micallef 'Doc. B', in part from Salvu Grech by means of a contract of the twenty seventh September of the year two thousand and one (27/9/2001) in the records of Notary Doctor Carmel Mangion 'Doc. C', in part from Josephine Vella and others by means of a contract of the fourteenth February of the year two thousand and two (14/2/2002) in the records of Notary Doctor Carmel Mangion 'Doc. D', and in part from Anthony Grech and Catherine Bugeja by means of a contract of the eighteenth February of the year two thousand and two (18/2/2002) in the records of Notary Doctor Carmel Mangion 'Doc. E';

That the applicants spouses Aquilina wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code (Cap. 16 of the laws of Malta) and redeem this groundrent;

That the sum of two euro cents (€0.02) capitalised at the rate of five per cent (5%) amounts to forty euro cents (€0.40);

That for all intents and purposes, the applicants are also by means of the present schedule of deposit the sum ten euro cents (€0.10), representing this sum the arrears of payment for the last five years of this annual and perpetual groundrent;

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of fifty euro cents (€0.50), representing forty euro cents (€0.40) as redemption of groundrent, and as for the sum of ten euro cents (€0.10) representing arrears of payment of this groundrent for the last five years, which sum can be freely withdrawn by the same respondents saving the release of the due receipt.

Mittenti: Ottobrina, Triq Santa Katarina, Iż-Żejtun

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Artijiet 116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anthoy Ellul, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 8 ta' Awwissu, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Applicants: Ottobrina, Triq Santa Katarina, Żejtun

Notification: Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

Land Registry 116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Mr Justice Anthoy Ellul, LLD, Doctor of Laws.

This 8th August, 2024

Registry of the Superior Courts, today 20th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

534

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-18 ta' Settembru, 2024, fuq talba ta' Frances Cassar ġie ordnat biex taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità tad-defunt Victor Debono, fl-atti taċ-ċedola numru 1970/2024, fl-ismijiet Frances Cassar vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 1970/2024 fl-ismijiet Frances Cassar (KI 0473854M) vs Kuraturi Deputati

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 18th September, 2024, following a request of Frances Cassar it was ordered that deputy curators be appointed to represent the heirs of the late Victor Debono, in the acts of the schedule of deposit number 1970/2024, in the names Frances Cassar vs Deputy Curators to represent in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit number 1970/2024 in the names Frances Cassar (ID 0473854M) vs Deputy

sabiex jirrappreżentaw l-eredita tad-defunt Victor Debono, ippreżentat fis-17 ta' Settembru, 2024, fil-Bord li Jirregola l-Kera fejn Frances Cassar (KI 0473854M) esponiet bir-rispett:

L-intimata kienet tikri mingħand ċertu Victor Debono l-fond bin-numru uffiċjali 14, Triq San Publiju, Tas-Sliema, fl-ammont ta' €225 fis-sena kif awmentata. Din il-kirja hija waħda protetta bil-liġi.

Illum il-ġurnata, l-imsemmi Victor Debono ġie nieqes imiss li titħallas il-kera għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru, 2024 u l-31 ta' Awwissu, 2025;

L-esponenti mhijiex edotta fattwalment fuq minn iddevolviet l-eredità tal-imsemmi Victor Debono u għalhekk kontestwalment ma' din iċ-ċedola qiegħed jiġi ppreżentat rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredità tiegħu.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti, sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà, qiegħda tadixxi lil dan l-Onorabbli Bord u taħt l-awtorità tal-istess tgħaddi sabiex tiddepożita s-somma ta' €198.36 għall-kera taż-żmien fuq indikat flimkien mal-ispejjeż ta' €51.64 li jammontaw għas-somma totali ta' €250 dovuti bħala kera għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2024, u l-31 ta' Awwissu, 2025.

Mittenti: Frances Cassar, 14, Triq San Publiju, Tas-Sliema

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 18 ta' Settembru, 2024

Curators to represent the heirs of the late Victor Debono, filed in the Rent Regulation Board on the 17th September, 2024, whereby Frances Cassar (ID 0473854M) respectfully submitted:

The respondent used to lease from certain Victor Debono the premises with official number 14, Triq San Publiju, Tas-Sliema, in the amount of €225 per year as increased. This lease is one protected by law.

Today, the said Victor Debono has died and the rent due for the period between the 1st September, 2024 and the 31st August, 2025, has to be paid;

The applicant is not factually educated on who devolved the inheritance of the said Victor Debono and thus together with this schedule deposit an application is being filed for the appointment of deputy curators to represent his inheritance.

Thus, the applicant, in order to exempt herself from any responsibility, is calling upon this Honourable Board and under its authority is depositing the sum of €198.36 for the rent of the time above indicated together with the costs of €51.64 which amount to the total sum of €250 due as rent for the period between the 1st September, 2024 and the 31st August, 2025.

Applicant: Frances Cassar, 14, Triq San Publiju, Tas-Sliema

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

This 18th September, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 20th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

535

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 2026, fuq talba tal-Bank of Valletta ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Ibrahim Hussain fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3363/2019 fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-4 ta' Settembru, 2019, tal-Bank of Valletta plc ta' 1/5, Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta, kontra Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ibrahim Hussain (KI 133366A) u Natasha Azzopardi Hussain fejn permezz tal-preżenti l-Bank of Valletta plc tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' €95,599.46 bilanċ għad-debitu fil-Business Loan Accounts tagħkom mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Awwissu, 2019, sal-jum tal-pagament effettiv.

Is-soċjetà mittenti tavżakom illi jekk tonqsu hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tagħkom skont il-liġi.

Rikorrenti: Bank of Valletta plc (C2833) ta' 1/5, Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta

Intimat: Ibrahim Hussain

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 27th January, 2026, following a request by Bank of Valletta plc it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Ibrahim Hussain in the acts of the judicial letter number 3363/2019 in the names Bank of Valletta plc vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 4th September, 2019, by Bank of Valletta plc of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, against Deputy Curators nominated to represent the absentee Ibrahim Hussain (ID 133366A) and Natasha Azzopardi Hussain, Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum of €95,599.46 balance of debt in your Business Loan Accounts with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 17th August, 2019, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Applicant: Bank of Valletta plc (C2833), 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta

Notification: Ibrahim Hussain

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 27 ta' Jannar, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Frar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD, Doctor of Laws.

Today 27th January, 2026

Registry of the Superior Courts, today 20th February, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

536

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Diċembru, 2025, mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur (Għawdex), fl-atti tal-avviż numru CCT G18/2025 MS fl-ismijiet 'Aaronne Farrugia Attard versus Noel Borg' ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' estratt tal-istess avviż, kif riprodott hawn taħt, u dan sabiex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Noel Borg bl-indirizz 68, Alley off, Triq ta' Said, Triq Dun Ġorġ Preca, In-Nadur, Għawdex, u Flat 8, Block G, Triq Taċ-Ċawla, Ir-Rabat, Għawdex, u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fit-Tribunal għal-Talbiet tal-Konsumatur (Għawdex)

Avviż numru CCT G18/2025/MS fl-ismijiet:

Aaronne Farrugia Attard vs Noel Borg

Permezz ta' dan l-avviż ir-rikorrenti Aaronne Farrugia Attard ippremetta illi:

It-18 ta' Awwissu, 2025

Suġġett: Dettalji tal-każ

Introduzzjoni:

Jiena, qed inressaq dan ir-rapport quddiem it-Tribunal fir-rigward ta' tilwima mas-Sur Noel Borg dwar kuntratt għal xogħlijiet ta' finitura turnkey fil-proprjetà tiegħi, Penthouse 9, The Stowe, Triq San Pawl, Ix-Xewkija. L-intimat ġie fdat sabiex jagħmel il-full finishing tal-unit bi kwotazzjoni miftehma ta' €32,976.60 eskluża l-VAT. Saru ħlasijiet sostanzjali bil-quddiem lill-intimat, iżda minkejja dawn il-ħlasijiet ix-xogħlijiet ma tlestewx, il-proprjetà tħalliet esposta u difettuża, u fl-aħħar il-kuntratt ġie abbandunat.

It is hereby notified that by virtue of a decree given on 11th of December, 2025, by the Consumer Claims Tribunal (Gozo), in the acts of notice number CCT G18/2025/MS in names "Aaron Farrugia Attard versus Noel Borg" the publication of an extract of the said notice, as reproduced below, was ordered to serve as a notification with respect the respondent Noel Borg with the address 68, Alley off, Triq Ta' Said, Triq Dun Ġorġ Preca, Nadur, Gozo, and Flat 8, Block G, Triq Taċ-Ċawla, Victoria, Gozo, and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Consumer Claims Tribunal (Gozo)

Notice number CCT G18/2025/MS in names:

Aaronne Farrugia Attard vs Noel Borg

By means of this notice the claimant Aaronne Farrugia Attard premised that:

18th August, 2025

Subject: Case details

Introduction:

I, am submitting this report to the Tribunal in relation to a dispute with Mr. Noel Borg concerning a contract for turnkey finishing works at my property, Penthouse 9, The Stowe, Triq San Pawl, Xewkija. The respondent was entrusted with carrying out the full finishing of the unit against an agreed quotation of €32,976.60 excluding VAT. Substantial advance payments were made to the respondent, but despite these payments the works were not completed, the property was left exposed and defective, and ultimately the contract was abondoned.

Ftehim u ħlasijiet kuntrattwali:

F'Lulju tal-2024, l-intimat ħareġ kwotazzjoni għax-xogħlijiet ta' finishing, li jien aċċettajt. Bejn l-4 ta' Lulju, 2024 u l-15 ta' Lulju, 2024, ħallastu total ta' €14,000 bi trasferiment fil-kont tiegħu tal-APS Bank, pagabbli lilu nnifsu u lil martu. Dawn kienu jikkonsistu f'€4,000 fl-4 ta' Lulju u żewġ pagamenti oħra ta' €5,000 kull wieħed fil-15 ta' Lulju. Minkejja t-talbiet ripetuti tiegħi, qatt ma nħarġu rċevuti għal dawn il-pagamenti.

Xogħlijiet esegwiti u nuqqasijiet:

Il-kuntrattur beda x-xogħol f'Lulju 2024, fejn għamel xi trinek għall-conduits tal-elettriku u tikħil parzjali. Sa Diċembru tal-2024, il-progress kien diġà wieqaf, u diversi nħawi tal-propjetà baqgħu mhux mhux kompluti, fosthom it-taraġ kollu, kamra waħda, u l-basement garage. Barra minn hekk, l-installazzjonijiet elettriċi u l-wajers ma tlestewx. Ikkuntattjajt lill-kuntrattur f'diversi okkażjonijiet, iżda hu ma weġibx it-telefonati tiegħi u ma tanix raġuni valida għaliex waqfu x-xogħlijiet.

Sadanittant, l-iżviluppatur tal-blokk kien qed jiġri warajja biex inlesti t-terrazzini ladarba l-ilma tax-xita kien qed jipperkola fil-proprjetajiet sottostanti. Nonostante l-fatt li kkuntattjajt lis-Sur Noel Borg b'urġenza f'diversi okkażjonijiet biex jiġi stallat il-waterfproofing membrane fuq it-terrazzini, dan qatt ma sar, u ġejt kostrett li nqabbad kuntrattur ieħor biex jagħmel tali xogħol.

Wara diversi tentattivi ripetuti biex jikkonvinċu lill-kuntrattur biex jipproċedi bix-xogħlijiet, fi Frar 2025, bdew ix-xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum, iżda dawn ukoll tħallew mhux kompluti. Filwaqt li tpoġġa l-madum tal-art, iz-zokklatura u l-grouting qatt ma saru. Il-madum tal-pavimentar tat-taraġ ukoll tpoġġa ħażin u jeħtieġ li jinbidel. Dan se jidħol fi spiża żejda ta' €150.

Konsegwenza sinifikanti tad-dewmien tal-kuntrattur kienet li l-kuntrattur tal-aperturi ma setax ikejjel, jimmanifattura, u jinstalla l-aperturi ta' barra fil-ħin. L-appartamenti l-oħra kollha kellhom l-aperturi istallati filwaqt li l-proprjetà tiegħi baqgħet miftuħa għall-elementi. Is-Sur Borg lanqas biss iddejjaq meta fakkartu li kont marbut kuntrattwalment li nwaħħal l-aperturi f'terminu ta' żmien u li kont qed nirriskja li niġi mmultat. Minħabba li l-aperturi għall-faċċati u l-btieħi interni tħallew miftuħin, l-ilma tax-xita ipperkola fil-proprjetà. L-iskular ikkawża ħsara fit-tikħil tal-gypsum f'diversi postijiet. Jien se jkolli nagħmel xogħlijiet ta' tiswija biex din il-ħsara tiġi rimedjata bi spiża żejda ta' €900.

Contractual Agreements and Payments:

In July 2024, the respondent issued a quotation for the finishing works, which I accepted. Between 4th July, 2024 and 15th July, 2024, I paid him a total of €14,000 by transfer into his APS Bank account, payable to himself and his wife. These consisted of €4,000 on 4 July and two further payments of €5,000 each on 15 July. Despite my repeated requests, no receipts were ever issued for these payments.

Works Executed and Failures:

The contractor commenced work in July 2024, carrying out some trenching for electrical conduits and partial plastering. By December 2024, progress had already stalled, and several areas of the property remained unrendered, including the entire stairwell, one room, and the basement garage. Also, electrical installations and wiring were not completed. I contacted the contractor on numerous occasions, but he rejected my calls and did not provide a valid reason for the stop works.

In the meantime, I was being chased by the block developer to finish off the terraces since rainwater was percolating into the underlying properties. Notwithstanding the fact that I contacted Mr Noel Borg with urgency on various occasions to install the waterfproofing membrane on the terraces, this was never done, and I was forced to assign another contractor to perform such work.

After several repeated attempts to convince the contractor to proceed with the works, in February 2025, tiling works commenced, but these too were left incomplete. While the floor tiles were laid, the skirting and grouting were never carried out. The stairwell flooring tiles were also wrongly laid and need to be replaced. This will incur an extra cost of €150.

A significant consequence of the contractor's delays was that the apertures contractor was unable to measure, fabricate, and install the external apertures in time. All other apertments had the apertures installed while my property remained open to the elements. Mr Borg did not even bother when I reminded him that I was contractually bound to install the apertures within a time frame and that I risked being fined. Because apertures to the facades and internal yards were left open, rainwater percolated into the property. The infiltration caused damage to the gypsum plastering in several locations. I am obliged to undertake repair works to remedy this damage at an extra cost of €900.

Barra minn hekk, kont tlabt lis-Sur Noel Borg ilesti l-garaxx ta' taħt peress li ma stajtx nordna l-bieb tal-garaxx, u l-ispazju kien qed jimtela biż-żibel. Wara li l-proġett ġie abbandunat, tħalla wkoll terrapien ta' kostruzzjoni ġewwa l-propjetà. Għalkemm it-tneħħija taż-żibel kienet inkluża fil-kwotazzjoni oriġinali, issa rrid ninkorri spiża addizzjonali ta' €200.

Huwa rilevanti wkoll li jiġi innotat li partijiet kbar tax-xogħlijiet espressament inklużi fil-kwotazzjoni qatt ma twettqu. Dawn jinkludu l-madum tal-art u ħajt tal-kamra tal-banju, installazzjoni ta' oġġetti sanitarji, membrane tas-saqaf, katusi tal-ilma tax-xita, u s-sistema tal-provvista tal-ilma. Dawn l-oġġetti jirrappreżentaw partijiet essenzjali tal-pakkett turnkey iżda tħallew barra kompletament.

Terminazzjoni tal-Ftehim:

Fis-17 ta' April, 2025, bgħatt avviż formali bil-miktub lill-kuntrattur li kien jobbligah jerġa' jibda x-xogħlijiet sat-2 ta' Mejju, 2025, u li jlesti l-proġett kollu sas-16 ta' Ġunju, 2025. Minkejja dan l-avviż, ma tkomplew l-ebda xogħlijiet, u l-kuntrattur ma għamel ebda kuntatt miegħi. Fl-10 ta' Ġunju, 2025, wara ġimgħat oħra ta' inattività u skiet, bgħatt it-tieni avviż fejn iddikjarajt il-kuntratt abbandunat u formalment mitmum. Fil-komunikat finali li kellna, martu, is-Sinjura Annalisa Borg, qablet li għandna nitterminaw ix-xogħlijiet u stajt nagħti t-tlestija tax-xogħlijiet lil terzi.

Valutazzjoni ta' xogħlijiet lesti:

Wara li saret valutazzjoni, il-valur tax-xogħlijiet li saru mill-kuntrattur ġie kkalkulat għal €7,946.95. Din is-somma hija ferm inqas mill-€14,000 li kont diġà ħallast. Fuq din il-bażi, il-ħlas żejjed dovut għar-rifużjoni jammonta għal €6,053.05. Sabiex nindaga jekk jaqbilx ma' tali rifużjoni, ikkuntattjajt lil Noel Borg f'diversi okkażjonijiet fuq in-numri tat-telefown ċellulari tiegħu (b'telefonati u messaġġi) u Whatsapp, iżda l-messaġġi tiegħi baqgħu bla tweġiba, u t-telefonati jew ma ngħatawx tweġiba għalihom jew ġew rifjutati.

Danni:

Id-danni mġarrba minħabba l-ksur tal-intimat huma stabbiliti hawn taħt:

Rifużjoni ta' depożitu żejjed imħallas: €6,053.05;

Spiża għal tiswijiet ta' tikħil minħabba dħul ta' ilma: €900.00;

Bdil tat-tip ħażin ta' madum ġewwa t-tromba tat-taraġ: €150;

Additionally, I had asked Mr. Noel Borg to render the underlying garage since I was unable to order the garage door, and the space was being filled with rubbish. After the project was abandoned, construction debris was also left inside the property. Although rubbish removal was included in the original quote, I now have to bear an additional cost of €200.

It is also relevant to note that large portions of the works expressly included in the quotation were never carried out at all. These include the bathroom floor & wall tiles, installation of sanitary ware, roof membrane, rainwater drains, and the water supply system. These items represent essential parts of the turnkey package but were entirely omitted.

Termination of Agreement:

On 17th April, 2025, I sent a formal written notice to the contractor requiring him to resume works by 2nd May, 2025, and to complete the entire project by 16th June, 2025. Despite this notice, no works were resumed, and no contact was received from the contractor. On 10 June 2025, after further weeks of inactivity and silence, I issued a second notice declaring the contract abandoned and formally terminated. In our final communication, his wife, Mrs Annalisa Borg agreed that we should terminate the works and I could assign the completion of the works to 3rd parties.

Valuation of Works Completed:

Following an assessment, the value of works carried out by the contractor was calculated at €7,946.95. This sum is significantly lower than the €14,000 I had already paid. On this basis, the excess payment due for refund amounts to €6,053.05. In order to enquire whether he agrees with such a refund, I contacted Noel Borg on numerous occasions on his cell phone numbers (by calls and messages) and WhatsApp, but my messages were not replied to, and calls were either not replied to or turned down.

Damages:

The damages sustained as a result of the respondent's breaches are set out below:

Refund of excess deposit paid: €6,053.05;

Cost of plastering repairs due to water ingress: €900.00;

Replacement of the wrong type of tiles within the stairwell: €150;

Tneħħija ta' terrapien: €200;

Danni morali għal stress, tħarbit, u inkonvenjent: €500.00;

Imgħax statutorju b'6% fis-sena fuq depożitu eċċessiv ta' €6,053.05, li jiddekorri minn Lulju 2024 sas-saldu. Mis-16 ta' Awwissu 2025, dan jammonta għal €398.15, bl-imgħax ikompli jiddekorri minn hemm 'il quddiem;

Dritt ta' rikors tat-Tribunal ta' €39 għal talbiet sa €8,500.

It-talba totali fis-16 ta' Awwissu, 2025, għalhekk hija ta' €8,240.20.

Konklużjoni:

Il-kuntrattur naqas b'mod ċar milli jonora l-obbliġi kuntrattwali tiegħu. Elementi essenzjali tal-kwotazzjoni, fosthom xogħlijiet fil-kamra tal-banju, roof membrane, drains, u provvista tal-ilma, qatt ma saru. Ix-xogħlijiet li saru ma kinux kompluti jew difettużi, bħall-art tat-taraġ li tqiegħdet ħażin. Id-dewmien fit-tul tiegħu kkawża infiltrazzjoni tal-ilma tax-xita u ħsara fit-tikħil.

Minkejja l-avviżi formali, il-kuntrattur abbanduna l-proġett għal kollox.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti, nitlob bir-rispett li t-Tribunal jordna r-rifużjoni immedjata tad-depożitu żejjed ta' €6,053.05 bl-imgħax statutorju, jagħti €900 għal xogħlijiet ta' tiswija, jagħti €150 għal bdil ta' madum, jagħti €200 għat-tneħħija ta' żibel u jagħti €500 f'danni morali. Nitlob ukoll li t-Tribunal jirrikonoxxi formalment il-kuntratt bħala abbandunat u jżomm lis-Sur Borg responsabbli għat-telf sostnut.

Iffirmat,

Aaronne Farrugia Attard

Dan l-avviż huwa differit għas-smigħ għad-9 ta' April, 2026, fil-11.00 a.m., fil-bini tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Illum 23 ta' Frar, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali ta' Għawdex

Removal of debris: €200;

Moral damages for stress, disruption, and inconvenience: €500.00;

Statutory interest at 6% per annum on excess deposit of €6,053.05, accruing from July 2024 until settlement. As of 16 August 2025, this amounts to €398.15, with interest continuing to accrue thereafter;

Tribunal application fee of €39 for claims up to €8,500.

The total claim as at 16 August, 2025, therefore stands at €8,240.20.

Conclusion:

The contractor has clearly failed to honour his contractual obligations. Essential elements of the quotation, including bathroom works, roof membrane, drains, and water supply, were never carried out. Works that were undertaken were incomplete or defective, such as the wrongly laid stairwell floor. His prolonged delay caused rainwater infiltration and damage to plastering.

Despite formal notices, the contractor abandoned the project altogether.

In light of these facts, I respectfully request that the Tribunal order the immediate refund of the excess deposit of €6,053.05 with statutory interest, award €900 for repair works, award €150 for the replacement of tiles, award €200 for the removal of rubbish and award €500 in moral damages. I further request that the Tribunal formally recognise the contract as abandoned and hold Mr. Borg liable for the losses sustained.

Signed,

Aaronne Farrugia Attard

This notice is adjourned for hearing to the 9th of April, 2026 at 11.00 a.m., in the Gozo Court building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

This 23 of February, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603